



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 23.10.2006  
KUMM(2006)614 finali

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI**

**Tagħlim għall-adulti: Qatt m'hu tard wisq biex titgħallem**

## KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

### Tagħlim għall-adulti: Qatt m'hu tard wisq biex titgħallem

#### 1. Introduzzjoni

Il-Komunikazzjoni ta' l-2001 tal-Kummissjoni *It-Twettiq ta' Qasam Ewropew għat-Tagħlim Tul il-Ħajja* u r-Reżoluzzjoni tal-Kunsill ta' l-2002 dwar it-tagħlim tul il-ħajja saħqu dwar l-importanza tat-tagħlim tul il-ħajja għall-kompetittività u l-kapaċità tax-xogħol, kif ukoll għall-inklużjoni soċjali, ċittadinanza attiva u żvilupp personali. It-tagħlim għall-adulti huwa komponent vitali għat-tagħlim tul il-ħajja.

Id-definizzjonijiet tat-tagħlim ta' l-adulti jvarjaw, imma għall-iskop ta' din il-Komunikazzjoni hija definita bħala *l-forom kollha ta' tagħlim meħud mill-adulti wara li jkun ħallew l-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali*, Indipendentement minn kemm mexa 'l quddiem dan il-proċess (eż., inkluż edukazzjoni terzjarja).

L-edukazzjoni u t-taħriġ huma fatturi kritiċi sabiex jinkisbu l-għanijiet ta' l-istrateġija ta' Liżbona sabiex jiżdied it-*tkabbir ekonomiku*, l-kompetittività u l-inklużjoni soċjali. Ir-rwol tat-tagħlim ta' l-adulti f'dan il-kuntest, flimkien mal-kontribuzzjoni għall-iżvilupp personali u s-sodisfazzjoni, qed ikun aktar rikonoxxut fil-Programmi ta' Riforma Nazzjonali ta' l-Istati Membri. Madankollu, ħliet għal xi eċċezzjonijiet, l-implimentazzjoni tibqa' dgħajfa<sup>1</sup>. Il-parti l-kbira tas-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ prinċiplament għadhom iffokatu fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ taż-*żgħażaġh* u sar biss progress limitat fit-tibdil tas-sistemi biex jirriflettu l-bżonn għat-tagħlim tul il-ħajja. 4 miljun adult ieħor jeħtieġ li jipparteċipaw fit-tagħlim tul il-ħajja sabiex jiksbu ir-rata ta' parteċipazzjoni ta' l-istandard li sar qbil dwaru mill-Istati Membri fil-qafas tal-programm<sup>2</sup> "Edukazzjoni u Taħriġ 2010". Ir-riċerka riċenti<sup>3</sup> tikkonferma l-importanza ta' l-investment fit-tagħlim ta' l-adulti. Il-benefiċċji pubbliċi u privati jinkludu aktar possibbiltà ta' sejbien ta' impjieg, aktar produttività u xogħol aħjar, tnaqqis fl-ispiża f'ċerti żoni bħal benefiċċji għal min ma jaħdimx, hłasijiet ta' benesseri u pensjonijiet ta' rtirar kmieni, imma wkoll rendiment soċjali f'termini ta' aktar parteċipazzjoni ċivika, saħħa aħjar, anqas kriminalità u aktar sodisfazzjon u benesseri personali. Ir-riċerka fuq adulti akbar fl-età turi li dawk li jidħlu fit-tagħlim huma aktar b'saħħithom, b'konsegwenza ta' tnaqqis fl-ispejjeż tas-saħħa<sup>4</sup>.

Din il-Komunikazzjoni tenfasizza l-kontribuzzjoni essenzjali tat-tagħlim ta' l-adulti, permezz tal-kisba tal-kompetenzi ewlenin minn kulħadd, il-possibbiltà li wieħed isib xogħol u l-mobbiltà fis-suq tax-xogħol modern u għall-inklużjoni soċjali. Hija tibbaża fuq il-lezzjonijiet meħuda mid-djalogu ma' l-Istati Membri fil-qafas ta' l-Edukazzjoni u t-Taħriġ 2010" u mill-esperjenzi miksuba fil-programmi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ eżistenti, b'mod partikolari l-

---

<sup>1</sup> "L-immodernizzar ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ: kontribuzzjoni vitali għall-prosperità u l-koeżjoni soċjali fl-Ewropa - Rapport Interim Konġunt ta' l-2006 tal-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-progress taħt 'il-programm ta' ħidma 'Edukazzjoni u Taħriġ 2010', [http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/en/oj/2006/c\\_079/c\\_07920060401en00010019.pdf](http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/en/oj/2006/c_079/c_07920060401en00010019.pdf)

<sup>2</sup> [http://ec.europa.eu/education/policies/2010/objectives\\_en.html#measuring](http://ec.europa.eu/education/policies/2010/objectives_en.html#measuring)

<sup>3</sup> Il-Promozzjoni tat-Tagħlim ta' l-Adulti OECD (2005).

<sup>4</sup> Tom Schuller, John Preston, Cathie Hammond, Angela Brassett-Grundy u John Bynner, *The Benefits of Learning*, University of London, 2004.

azzjoni “Grundtvig” tal-programm Socrates<sup>5</sup>. Din tirrifletti wkoll l-istrateġija sstollineata fil-Komunikazzjoni dwar l-effiċjenza u l-ekwità<sup>6</sup>, jiġifieri li r-riformi jkunu possibbli li jagħmlu s-sistemi ta’ l-edukazzjoni u t-taħriġ aktar effiċjenti u aktar ekwi. Din tfakkar li l-Fondi Strutturali, u b’mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew (FSE), ikollhom il-potenzjali li jappoġġaw l-iżvilupp ta’ l-infrastrutturi u l-istrateġiji. Tenfasizza l-importanza ta’ ċertu kwistjonijiet speċifiċi: id-dimenzjoni tas-sessi, b’mod partikolari rigward il-ġbir tad-*data*, id-differenzi fl-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja u f’ forom preferuti ta’ tagħlim.

Din tipprovdi politika neċessarja li sservi ta’ bażi għall-implimentazzjoni tal-programm futur “Grundtvig”, li jifforma parti mill-Programm ġenerali għat-Tagħlim Tul il-Ħajja 2007-2013. Finalment, tipproponi riflessjoni dwar it-tagħlim ta’ l-adulti li jinvolvi l-Istati Membri u l-partijiet interessati rilevanti, li twassal għal formulazzjoni tal-pjan ta’ azzjoni fl-2007.

## 2. L-isfidi li jridu jiġu affaċċjati

It-tagħlim ta’ l-adulti mhux dejjem kiseb l-għarfien li ħaqqu f’termini ta’ viżibbiltà, prijoritizzazzjoni tal-politika u r-riżorsi, minkejja l-enfasi politiku fuq it-tagħlim tul il-ħajja fis-snin riċenti. Din id-dikotomija bejn id-diskors politiku u r-realtà tidher ferm aktar meta wieħed ippoġġiha fl-isfond ta’ l-isfidi ewlenin li qed taffaċċja l-Unjoni.

### *Il-Kompetittività*

L-isfida ekonomika ewlenija ta’ l-Ewropa, kif stabbilita fl-Istrateġija ta’ Liżbona, hija li jiżdiedu t-tkabbir u l-impjiegi filwaqt li tinżamm il-koeżjoni soċjali. Il-progress rapidu f’reġjuni oħra tad-dinja juri l-importanza ta’ edukazzjoni u taħriġ innovattivi, avvanzati u ta’ kwalità bħala fattur ewlieni tal-kompetittività ekonomika. Il-livelli ġenerali tal-kompetenza jridu jiżdiedu, kemm biex jilħqu l-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol kif ukoll biex iċ-ċittadini ikunu jistgħu jiffunzjonaw tajjeb fis-soċjetà tal-lum. Madankollu, hemm madwar 72 miljun ħaddiem b’ħiliet bażiċi fl-Ewropa<sup>7</sup>, terz tal-forza tax-xogħol, li l-estimi juru li sa l-2010 ikunu biss 15% tax-xogħlijiet li nħolqu ġodda, ikunu għal dawk b’ħiliet bażiċi, u 50% tax-xogħlijiet il-ġodda jkunu jeħtieġu livell ta’ kwalifiki terzjarji<sup>8</sup>. B’żieda ma’ dan, sehem sinifikanti tal-popolazzjoni Ewropea m’għandhiex il-ħila li tifhem u tuża informazzjoni pprintjata fl-attivitajiet tagħha ta’ kuljum. L-iżgurar tal-kisba tal-kompetenzi ewlenin miċ-ċittadini kollha tibqa’ sfida għall-Istati Membri kollha<sup>9</sup>. Ir-riċerka turi li distribuzzjoni ekwi tal-ħiliet mal-popolazzjonijiet għandha tagħti rendiment ekonomiku ġenerali<sup>10</sup> aħjar.

<sup>5</sup> Rapport mill-Kummissjoni “Rapport interim ta’ evalwazzjoni dwar ir-riżultati miksuba u dwar l-aspetti kwalitattivi u kwantitattivi ta’ l-implimentazzjoni tat-tieni fażi tal-programm ta’ azzjoni tal-komunità fil-qasam ta’ l-edukazzjoni ‘Socrates’, COM (2004) 153 finali, 8.03.2004.

<sup>6</sup> Komunikazzjoni mill-Kummissjoni “Effiċjenza u ekwità fis-sistemi Ewropej ta’ l-edukazzjoni u t-taħriġ”, COM (2006) 481 final, 8.09.2006.

<sup>7</sup> Is-servej tal-Forza tax-Xogħol ta’ l-UE fl-2004, Eurostat.

<sup>8</sup> *L-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali - iċ-ċavetta għall-futur*, sinthezi tas-Cedefop ta’ l-istudju ta’ Maastricht, il-Lussemburgu, 2004.

<sup>9</sup> Proposta tal-Kummissjoni għal Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kompetenzi ewlenin għat-tagħlim matul il-ħajja, COM (2005) 548 finali, 10.11.2005.

<sup>10</sup> Coulombe, S., J.F. Tremblay u S. Marchand, International Adult Literacy Survey, Literacy Scores, Human Capital and Growth across Fourteen OECD Countries, Statistics Canada, Ottawa, 2004.

## *Il-bidla demografika*

L-Ewropa qed taffaċċa bidliet demografiċi bla preċedent li se jkollhom impatt qawwi fuq is-soċjetà u fuq l-ekonomija u konsegwentement fuq il-provvediment u l-bżonnijiet ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ. Il-popolazzjoni Ewropea qed tixjieħ: matul it-30 sena li ġejjin in-numru ta' Ewropej żgħar (sa 24 sena) se jonqos bi 15%. Wieħed minn tliet Ewropej se jkollu aktar minn 60 sena, u wieħed minn għaxra jkollu aktar minn 80<sup>11</sup>. Dawn l-iżviluppi jinvolvu sfidi serji għall-mudell soċjali Ewropew. Il-fluss imnaqqas ta' ħaddiema żgħar fis-suq tax-xogħol u flimkien mal-fatt li biss wieħed minn tliet persuni ta' l-età ta' bejn il-55-64 jagħmel xogħol bil-qligħ, juru li hemm bżonn awtomatiku li jiġi mħaddem il-potenzjal sħiħ tat-tagħlim ta' l-adulti bil-għan li tizzied il-parteċipazzjoni fil-forza tax-xogħol taż-żgħażaġh u tiġi estiża dik ta' dawk akbar fl-età. Dan ifisser b'mod partikolari li tiġi indirizzata l-kwistjoni ta' dawk li jħallu l-iskola kmieni (6 miljuni fl-2005<sup>12</sup>), filwaqt li fl-istess ħin jiġi mmirat it-titjib tal-ħiliet u l-adattabilità lejn dawk b'ħiliet baxxi li għandhom aktar minn 40 sena, biex jiġu inkuraġġiti sabiex jimxu għall-anqas, livell oġhla fil-kwalifiki tagħhom.

It-tagħlim ta' l-adulti jista' jgħin jiżgura li l-immigrazzjoni, li għandha l-potenzjal li sservi ta' kontrobilanċ parzjali għal popolazzjoni li qed tixjieħ u li tilħaq man-nuqqas tal-ħiliet u x-xogħol f'ċertu setturi, isseħħ b'mod li jkun ta' benefiċċju kemm għall-migranti kif ukoll għall-pajjiż ospitanti. Il-parti l-kbira tal-migranti, anke dawk b'ħiliet ta' livell għoli, għandhom bżonnijiet kbar f'termini ta' lingwi u biex jifhmu l-kultura. Barra minn hekk, minħabba li l-kompetenzi tagħhom spiss huma sottovalutati u mhux rikonoxxuti, il-ħiliet tagħhom ma jiġux użati fis-suq tax-xogħol. L-istatus ta' l-immigranti fis-suq tax-xogħol, inkluż dawk b'kapaċitajiet għolja, huwa normalment aġar mill-pożizzjoni taċ-ċittadini ta' l-UE. Dan ma japplikax biss għal dawk li jiġu issa, imma wkoll għat-tieni u t-tielet ġenerazzjoni ta' migranti u aktar minn hekk għal migranti nisa.

## *Inklużjoni soċjali*

Ir-rapporti riċenti jikkonfermaw li l-faqar u l-esklużjoni soċjali għadhom sfida serja għall-Istati Membri kollha<sup>13</sup>. Ċirkostanzi jew kundizzjonijiet differenti, bħal livelli baxxi ta' edukazzjoni tal-bidu, il-qgħad, iżolazzjoni rurali u nuqqas ta' opportunitajiet għall-ħajja fuq firxa wiesgħa ta' raġunijiet iservu biex jiġu marġinalizzati numru ta' nies u biex jiġu esklużi mill-benefiċċji tas-soċjetà u milli jkunu ċittadini attivi. Forom ġodda ta' illiteriżmu fil-forma ta' esklużjoni mill-aċċess u l-użu ta' l-ICT fil-ħajja professjonali u ta' kuljum jiggravaw din l-esklużjoni: adulti li ma jafux jużaw il-kompjuter huma mċaħħda minn informazzjoni u faċilitajiet essenzjali li qed ikunu dejjem iżjed disponibbli biss fil-forma diġitali<sup>14</sup>. It-tagħlim ta' l-adulti għandu rwol ewlieni biex jirrispondi għall-esklużjoni soċjali.

<sup>11</sup> Id-data tista' tinstab fi: Proġezzjonijiet ta' l-Eurostat dwar il-Popolazzjoni, bbażat fuq l-2004, xenarju tax-xejriet, bażi varjata; Green Paper "Nikkonfrontaw il-bidla demografika: solidarjetà ġdida bejn il-ġenerazzjonijiet", Komunikazzjoni mill-Kummissjoni, COM (2005) 94 finali, 16.3.2005).

<sup>12</sup> Dokument ta' Ħidma tal-Personell tal-Kummissjoni "Il-progress lejn l-għanijiet ta' Liżbona fl-edukazzjoni u t-taħriġ - Rapport ibbażat fuq indikaturi u standards - Rapport 2006", SEC (2006) 639, 16.5.2006, paġna 40.

<sup>13</sup> Rapport konġunt dwar il-ħarsien soċjali u l-inklużjoni soċjali ta' l-2006", [http://ec.europa.eu/employment\\_social/social\\_inclusion/docs/2006/cs2006\\_7294\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/employment_social/social_inclusion/docs/2006/cs2006_7294_en.pdf)

<sup>14</sup> Fl-2005 fl-Ewropa, 37% tal-persuni bejn l-età ta' 16 u 74 sena ma kienu jafu jużaw xejn il-kompjuter, u l-proporzjoni jiżdied bl-età (65% tal-persuni ta' l-età bejn il-55 u s-74). Sors: Eurostat, Statistics in focus, ħarġa 17/2006.

### 3. Nimbuttaw ‘il quddiem l-aġenda tat-tagħlim ta’ l-adulti

Li jiġi mgħolli l-livell tal-ħiliet tal-popolazzjoni adulta billi jiġu offruti aktar opportunitajiet ta’ tagħlim u opportunitajiet aħjar matul il-ħajja adulta huwa importanti kemm għar-raġunijiet ta’ effiċjenza kif ukoll ta’ ekwità meta wieħed iqis l-isfidi identifikati hawn fuq<sup>15</sup>. It-tagħlim ta’ l-adulti mhux biss jgħin lill-adulti jkunu ħaddiem affiċjenti u ċittadini aktar attivi u aktar infurmati. Jikkontribwixxu wkoll għall-benesseri peronali tagħhom.

Waħda mill-isfidi ewlenin għal dawk li jfasslu l-politika f’dan il-qasam hija li jsir l-aqwa użu tal-fornituri u postijiet diversi tat-tagħlim li jikkarakterizza s-sistemi tat-tagħlim ta’ l-adulti. Ħafna sieħba għandhom interess fit-tfassil tal-politika u l-implimentazzjoni, inkluż ministeri, sieħba soċjali, fornituri pubbliċi, knejjes, NGOs u awtoritajiet lokali u reġjonali. Id-deċiżjonijiet politiki jittieħdu fuq livell ċentrali, reġjonali jew lokali, u xi drabi fuq livelli differenti fl-istess ħin, b’ħafna pajjiżi li għandhom grad għoli ta’ deċentralizzazzjoni<sup>16</sup>. F’dan il-kuntest, koordinazzjoni u sħubiji aħjar huma vitali għal koerenza mtejba, l-evitar ta’ dupplikazzjonijiet u kontribuzzjoni għal infiq aktar effiċjenti għar-riżorsi skarsi. Il-koordinazzjoni tagħmilha possibbli li jiġu stabbiliti prijoritajiet, jiġu żviluppati politiki konsistenti appoġġati mill-forom leġislattivi u li jiżguraw l-implimentazzjoni. Tikkontribwixxi wkoll għat-twassil ta’ informazzjoni aktar ċara għal studenti potenzjali.

L-Istati Membri inkludew pjanijiet u politiki fil-Programmi Nazzjonali ta’ Riforma tagħhom biex isaħħu t-tagħlim tul il-ħajja. Hemm bżonn li mill-ippjanar nibdew nħaddu għall-azzjoni. L-implimentazzjoni tista’ tiġi appoġġata permezz ta’ l-użu tal-Fondi Strutturali Ewropej, b’mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropej, biex tittejjeb kemm l-infrastruttura kif ukoll il-forniment tat-tagħlim ta’ l-adulti. Hemm ħafna eżempji ta’ proġetti tajba li ġew żviluppati mill-Istati Membri bl-appoġġ ta’ l-UE li jistgħu jiġu segwiti minn oħrajn<sup>17</sup>.

L-Istati Membri m’għadhomx jistgħu jaffordjaw li ma ma jkollhomx sistema effiċjenti tat-tagħlim ta’ l-adulti, integrata flimkien ma’ l-istrateġija għat-tagħlim tul il-ħajja, li ttiprovdi lill-parteċipanti b’aktar aċċess għas-suq tax-xogħol, aktar integrazzjoni soċjali u tippreparahom għal xjuħija attiva fil-futur. Għandhom jiżguraw li għandhom sistemi li jippermettulhom jiddefinixxu l-prijoritajiet u jissorveljaw l-implimentazzjoni tagħhom.

#### Messaġġi ewlenin

Ħames messaġġi ewlenin għall-partijiet interessati fit-tagħlim ta’ l-adulti huma ppreżentati hawnhekk.

##### *1. Tneħħija ta’ l-impedimenti għall-parteċipazzjoni*

Il-parteċipazzjoni ta’ l-adulti fl-edukazzjoni u t-taħriġ tibqa’ limitata (ara l-Anness). Meta kkomparata mal-mira ta’ 12.5% ta’ parteċipazzjoni fit-tagħlim ta’ l-adulti sa l-2010, ir-rata medja fl-2005 kienet 10.8%. Minkejja varjazzjoni wiesgħa madwar din il-medja, b’firxa ta’

<sup>15</sup> Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni “Effiċjenza u ekwità fis-sistemi ta’ edukazzjoni u taħriġ Ewropej”, paragrafu 25.

<sup>16</sup> Deċentralizzazzjoni fi gradi u forom differenti, tidher f’ħafna pajjiżi: L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, id-Denmark, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, Spanja, l-Iżvezja, ir-Rumanija, ir-Renju Unit (Sors: OECD 2005; Eurydice 2006).

<sup>17</sup> ESF060603-Dokument ta’ Sfond ta’ l-Appoġġ tal-FSE għall-Edukazzjoni u t-Taħriġ.

minn 1.1% sa 34.7%<sup>18</sup>, hemm similarità kbira bejn l-Istati Membri fit-*tqassim* tat-tagħlim ta' l-adulti, b'dawk li għandhom l-aktar livelli baxxi ta' edukazzjoni inizjali, persuni anzjani, persuni f'żoni rurali, u persuni bi bżonnijiet speċjali, li għandhom l-aktar probabbiltà baxxa ta' parteċipazzjoni fil-pajjiżi kollha. Il-barrieri għall-partiċipazzjoni mill-individwi jistgħu jkunu relatati mal-politika; informazzjoni (livell ta' aċċess għal informazzjoni tajba u fil-ħin), relatati mal-fornitur (kundizzjonijiet tad-dħul, spiża, livell ta' appoġġ għat-tagħlim, natura tar-riżultati tat-tagħlim, eċċ); sitwazzjoni (il-valur kulturali marbut ma' l-edukazzjoni; il-limitu tal-grad li s-sitwazzjoni tal-ħajja jew tal-familja u l-ambjent soċjali ta' l-adult tappoġġa l-partiċipazzjoni) u d-dispożizzjoni (l-istima personali u l-kunfidenza personali ta' l-adult bħala student, spiss marbuta mal-falliment f'esperjenza edukattivi preċedenti). Raġunijiet relatati mad-domanda huma spiss l-aktar barrieri serji: nuqqas ta' ħin, minħabba raġunijiet ta' xogħol jew familja; nuqqas ta' kuxjenza jew motivazzjoni, minħabba li l-persuni ma jqisux il-valur jew il-benefiċċju tat-tagħlim; nuqqas ta' informazzjoni fuq il-provvediment u nuqqas ta' ffinanzjar<sup>19</sup>.

L-isfidi għall-Istati Membri hija doppja: biex iżidu l-volum ġenerali tal-partiċipazzjoni fit-tagħlim ta' l-adulti, u biex jindirizzaw l-iżbilanċ fil-partiċipazzjoni sabiex jiksbu stampa aktar ekwi, billi jimmotivaw, jinkoraġġixxu, jippermettu u jappoġġaw lill-adulti li għandhom l-anqas ċans li jippartiċipaw fit-tagħlim fil-forom kollha tiegħu, formali, non-formali u informali<sup>20</sup>. Dan jeħtieġ investiment pubbliku mmirat biex jilħaq lil dawk li kienu l-anqas serviti tajjeb mis-sistemi ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fil-passat.

Il-motivazzjoni tal-persuni biex jippartiċipaw fit-tagħlim trid tiġi mrawma billi tittejjeb il-kwalità ta' l-informazzjoni u jiġu sfruttati il-potenzjali għat-tagħlim ta' postijiet bħal ċentri tal-komunità, ċentri sportivi, istituzzjonijiet kulturali, kif ukoll ta' istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali.

### **Messaġġ 1**

Huwa kruċjali li nżidu l-partiċipanti fit-tagħlim għall-adulti u nagħmluh aktar ekwi. Il-partijiet interessati kollha għandhom ir-rwol tagħhom, imma l-awtoritajiet pubbliċi jridu jkunu minn ta' quddiem sabiex ineħħu l-barrieri u jippromwovu d-domanda, b'iffokar speċjali fuq dawk b'ħiliet baxxi. Dan jinkludi l-iżvilupp ta' sistemi ta' gwida u informazzjoni ta' kwalità għolja, bbażati fuq strateġija aktar ibbażata fuq min jitgħallem, kif ukoll inċentivi finanzjarji immirati lil individwi u appoġġ għat-twaqqif tas-sħubiji lokali.

## *2. L-iżgurar tal-kwalità fit-tagħlim ta' l-adulti*

Il-provvediment ta' kwalità fqira ta' tagħlim għall-adulti jwassal għal kwalità fqira fir-riżultati tat-tagħlim. Il-kwalità għandha diversi dimensjonijiet: informazzjoni u gwida, analiżi tal-bżonnijiet, kontenut tat-tagħlim rilevanti li jaqbel mal-bżonnijiet attwali u domandi; appoġġ għat-tagħlim; valutazzjoni ta' l-istrateġiji; għarfien, validazzjoni u ċertifikazzjoni tal-

<sup>18</sup> “Progress lejn l-għanijiet ta' Liżbona fl-edukazzjoni u t-taħriġ - Rapport ibbażat fuq indikaturi u miri – Rapport 2006”, paġni 35-40, u l-Annessi tiegħu “Analiżi dettaljat tal-progress”, kapitolu 6.2.

<sup>19</sup> *It-tagħlim tul il-ħajja: l-opinjoni taċ-ċittadini mill-viċin. Sejbiet minn servej dedikat tal-Eurobarometer*, Cedefop, il-Lussemburgu, 2004. Ir-rapport juri wkoll preferenza qaaija ta' l-adulti li jitgħallmu f'ambjent informali.

<sup>20</sup> Għad-definizzjonijiet ara “Memorandum dwar it-Tagħlim tul il-ħajja” (SEC(2000) 1832, 30.10.2000) u aktar xogħol dwar il-Klassifikazzjoni ta' l-Attivitajiet tat-Tagħlim mill-Eurostat.

kompetenzi. Filwaqt li jrid jiġi rikonoxxut li dawn id-dimensjonijiet huma kollha importanti, dawn li ġejjin jistħoqqilhom attenzjoni speċjali<sup>21</sup>:

*Metodi ta' taġġim* – Il-metodi u l-materjali ta' taġġim għandhom jieħdu kont tal-bżonnijiet speċifiċi u l-istrateġija tat-taġġim ta' l-adulti. Ir-riżultati tat-taġġim finali mixtieqa għandhom ikunu espliċiti. Barra minn hekk, l-adulti jridu jkunu kapaċi li jużaw riżorsi ta' appoġġ għat-taġġim bħala gwida, jiġi mgħallem il-qari u żvilupp tal-ħiliet ta' l-istudju kif mixtieqa.

*Kwalità tal-personell* – L-iżvilupp professjonali tal-persuni li jaħdmu fit-taġġim ta' l-adulti huwa determinant vitali tal-kwalità tat-taġġim ta' l-adulti. Ingħatat wisq ftit attenzjoni lill-kontenut u l-iproċessar għat-taħriġ inizjali tal-personell involut fit-taġġim ta' l-adulti.

Hemm ħafna rotot edukattivi u professjonali sabiex wieħed isir għalliem ta' l-adulti u l-professjoni mhux dejjem rikonoxxuta fi ħdan l-istrutturi formali tal-karriera. Meta kkumparat ma' sotto-sistemi edukattivi, it-taġġim ta' l-adulti huwa kkaratterizzat minn perċentwali għolja ta' personell *part-time* (u nies li jaħdmu fuq bażi volontarja), li jista' jkollhom ftit prospettivi ta' karriera u li spiss ikunu mħallsin bis-sieġha. Is-sieħba soċjali għandhom ikunu involuti fir-rikonoxximent tal-kompetenzi tal-personell involut fit-taġġim ta' l-adulti

*Il-kwalità tal-provvedituri* – Il-kwalità ġenerali tal-provvedituri jeħtieġ li tiġi indirizzata permezz ta' mekkaniżmi ta' akkreditazzjoni tal-provvedituri, oqfsa għall-kwalità ta' l-assigurazzjoni u monitoraġġ intern u estern u evalwazzjoni tat-taġġim u r-riżultati tat-taġġim. Il-gvernijiet għandhom rwol kruċjali f'dan ir-rigward, billi jwaqqfu oqfsa regolatorji, jistabbilixxu standards ta' kwalità, b'mod partikolari bbażati fuq eżempji u prinċipji eżistenti fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali, u l-edukazzjoni oġġla, u li jiċċertifikaw l-aderenza ma' dawn l-istandards.

*Il-kwalità tat-twassil* – It-tiġib fit-twassil tat-taġġim ta' l-adulti huwa essenzjali biex tiżdied il-parteċipazzjoni. Il-miżuri biex jipromwovu twassil effettiv jinkludu disponibbiltà tas-siti tat-taġġim u faċilitajiet għall-kura tat-tfal fil-lokal; servizzi ta' taġġim b'distanza għal dawk f'żoni remoti; informazzjoni u gwida; programmi speċifiċi u arranġamenti ta' taġġim flessibbli.

## **Messaġġ 2**

Sabiex irawmu kultura ta' kwalità fit-taġġim ta' l-adulti, l-Istati Membri għandhom jinvestu fit-tiġib tal-metodi tat-taġġim u l-materjali adottati għall-istudenti adulti u jdaħħlu fis-seħħ miżuri ta' żvilupp professjonali inizjali u kontinwu biex jikkwalifika u jtejjeb il-ħiliet tal-persuni li jaħdmu fit-taġġim ta' l-adulti. Għandhom jintroduċu mekkaniżmi ta' assicurazzjoni tal-kwalità, u twassil imtejjeb.

### *3. Għarfien u validazzjoni tar-riżultati tat-taġġim*

Paradigma dwar it-taġġim tul il-ħajja tivvaluta kull tip ta' taġġim – formali, non-formali u informali. Ir-rikonoxximent u l-validazzjoni tat-taġġim non-formali u informali jiffirma l-bażi ta' l-istrateġija tat-taġġim tul il-ħajja. Ir-riżultati tat-taġġim għandhom ikunu rikonoxxuti u valutati, indipendentement minn fejn u kif jinkisbu. Għarfien simili ta' taġġim non-formali u informali jippermetti lil dawk li jitgħallmu li jidentifikaw il-punt tal-bidu taġġim, jiksbu aċċess għall-programm tat-taġġim fuq livell partikolari, jiksbu krediti lejn

<sup>21</sup> "Ix-xejriet u l-kwistjonijiet tat-taġġim ta' l-adulti fl-Ewropa", studju magħmul mill-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Edukazzjoni ta' l-Adulti (EAEA) fl-2006. Mhux pubblikat.

kwalifika u/jew jiksbu kwalifika sħiħa bbażata fuq il-kompetenzi. Din isservi biex timmotiva li dawk li ma jkunux ħerqana biex jipparteċipaw, iżidu l-valur tat-tagħlim preċedenti u jgħinu biex ma jinħlew x żmien u flus billi jnaqqsu jew jeliminaw il-bżonn tar-ripetizzjoni ta' dak li wieħed ġa jaf. B'mod simili, din tippermetti lis-soċjetà li tibbenefika mill-ħiliet miksuba mingħajr spejjeż pubbliċi.

Din l-enfasi fuq ir-rikonossiment u l-validazzjoni fiha innifsha mhux xi ħaġa ġdida, u bosta Stati Membri għandhom fis-seħħ sistemi biex iwettqu dan<sup>22</sup>.

Fl-2004 il-Prinċipji Komuni Ewropej għall-identifikazzjoni u l-validazzjoni tat-tagħlim non-formali u informali ġew adottati mill-Kunsill ta' l-edukazzjoni<sup>23</sup>, biex titkabbar il-fiduċja f'dawn is-sistemi.

Minkejja dan, l-iżvilupp tas-sistemi u l-metodi tal-validazzjoni fl-Istati Membri jeħtieġ li jintlaħqu l-isfidi li ġejjin:

- l-introduzzjoni tal-validazzjoni trid tkun ibbażata fuq l-inklużjoni tal-partijiet interessati rilevanti, b'mod partikolari sieħba soċjali, sabiex tiġi promossa l-kredibilità;
- il-kwalità tal-metodi ta' l-assessjar, u l-istituzzjonijiet li japplikawhom, iridu jittejbu;
- l-għanijiet ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ – fil-livelli kollha - jrid jiġi fformulat mill-ġdid f'termini tar-riżultati tat-tagħlim. Dan huwa kruċjali għall-validazzjoni: sakemm l-għanijiet huma bbażati fuq fatturi ta' kontribut, ikun diffiċli li l-validazzjoni titwettaq.

### **Messaġġ 3**

Fi ħdan il-ħames snin li ġejjin l-Istati Membri għandhom jimplimentaw sistemi ta' validazzjoni u għarfien tat-tagħlim non-formali u informali, bbażat fuq il-Prinċipji Komuni Ewropej fuq il-validazzjoni u r-rikonossiment u li jieħdu kont sħiħ ta' l-esperjenzi eżistenti. L-iżvilupp tal-validazzjoni u r-rikonossiment jista' jkun marbut ma' l-iżvilupp ta' l-Oqfsa Nazzjonali tal-Kwalifiki fi ħdan il-kuntest ġenerali tal-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki.

#### *4. Investiment fil-popolazzjoni li qed tixjeh u fil-migranti*

Huwa meħtieġ investiment fil-popolazzjoni li qed tixjeh u fil-migranti.

#### *Xjuħija attiva*

Is-sitwazzjoni demografika li qed tinbidel deskritta hawn fuq issejjaħ mhux biss biex l-età medja għall-irtirar tittella' imma wkoll għal politiki ta' "xjuħija attiva" li jindirizzaw il-ħajja kemm qabel kif ukoll wara l-irtirat mix-xogħol formali. L-isfida għas-sistemi tat-tagħlim ta' l-adulti hija doppja:

<sup>22</sup> Sors: Inventorju Ewropew – Validazzjoni tat-tagħlim non-formali u informali, <http://www.ecotec.com/europeaninventory/>

<sup>23</sup> [http://ec.europa.eu/education/policies/2010/doc/validation2004\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/education/policies/2010/doc/validation2004_en.pdf). Ċertu professjonijiet, li għalihom il-kundizzjonijiet minimi għall-edukazzjoni u t-taħriġ sar qbil dwarhom, huma eżenti - ara d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-rikonossiment tal-kwalifiki professjonali, ĠU L 255, 30.9.2005, paġna 22.



- Biex jiżguraw li l-ħajja tax-xogħol tkun itwal, hemm bżonn li jittejbu l-ħiliet ta' l-individwi u jiżdiedu l-opportunitajiet tat-tagħlim tul il-ħajja għal ħaddiema akbar fl-età. Kulħadd jaf li sabiex ħaddiema akbar fl-età jinżammu kapaċi jaħdmu, huwa meħtieġ investment matul il-ħajja tagħhom u dan għandu jkun appoġġat mill-gvern, korpi professjonali u mis-setturi. Għandha tingħata attenzjoni speċjali li daww li jkunu waslu f'nofs il-karriera tagħhom.
- Espansjoni tad-dispożizzjonijiet tat-tagħlim għal persuni irtirati huwa meħtieġ (inkluż per eżempju żieda fil-parteċipazzjoni ta' studenti maturi fl-edukazzjoni oġhla), hekk kif il-persuni qed jaslu għall-pensjoni fi stat mentali u fiżiku aħjar, u l-ħajja wara l-irtirar qiegħda dejjem titwal. It-tagħlim għandu jkun parti integrali minn din il-fażi ġdida fil-ħajja tagħhom. Fil-Komunikazzjoni riċenti tagħha dwar l-universitajiet il-Kummissjoni stiednet l-universitajiet biex "ikunu aktar miftuħa biex jipprovdu korsijiet għal studenti fi stadju aktar tard taċ-ċiklu tal-ħajja tagħhom". Provvedimenti simili jkollhom rwol vitali biex iżommu persuni irtirati viċin ta' l-ambjent soċjali tagħhom. F'bosta pajjiżi s-sistemi ta' l-edukazzjoni għadhom ma bdewx jindirizzaw il-bżonnijiet emerġenti ta' dal-grupp ta' ċittadini, li għandhom ukoll potenzjal enormi f'termini ta' x'jistgħu jikkontribwixxu sabiex jitgħallmu persuni oħra. Aktar minn hekk, in-numru li qed jiżdied ta' persuni irtirati fl-Ewropa, għandu jkun meqjus bħala sors potenzjali ta' edukaturi għat-tagħlim ta' l-adulti.

### *Il-migrazzjoni*

Kif għedna diġà, l-isfida għat-tagħlim ta' l-adulti hija li tkun appoġġata l-integrazzjoni tal-migranti fis-soċjetà u fl-ekonomija, u li jsir l-akbar użu mill-kompetenzi u l-esperjenzi edukazzjonali miksuba qabel il-migrazzjoni. Dan għandu jinvolvi:

- politiki ta' l-UE għal appoġġ u azzjoni permezz ta' programmi relevanti għat-titjib tal-kwalità tal-politiki ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ fil-pajjiżi minn fejn joriġinaw il-migranti, partikolarment il-Pajjiżi Ġirien ta' l-Ewropa;
- jitħaffu l-mekkaniżmi għall-assessjar tal-kapaċitajiet u r-rikonoxximent ta' tagħlim formali, non-formali u informali tal-migranti li jaslu;
- l-espansjoni ta' opportunitajiet tat-tagħlim ta' l-adulti f'relazżjoni ma' integrazzjoni lingwistika, soċjali u kulturali;
- l-iżvilupp ta' tagħlim adatt u effettiv u l-promozzjoni ta' aktar tagħlim inter-kulturali.

#### **Messaġġ 4**

L-Istati Membri għandhom jiżguraw biżżejjed investment fl-edukazzjoni u t-taħriġ ta' persuni kbar fl-età u migranti, imma fuq kollox jiżguraw effiċjenza billi jfasslu edukazzjoni u taħriġ li jaqbel mal-bżonnijiet ta' min jitgħallmu. Għandhom ukoll iqajmu kuxjenza dwar ir-rwol importanti ta' migranti u nies akbar fl-età, fis-soċjetà u fl-ekonomija.

### *5. Indikaturi u standards*

Sabiex tissorvelja l-multiciplità tat-tagħlim ta' l-adulti u jiżviluppaw politiki bbażati fuq l-evidenza hija meħtieġa *data* li tista' torbot fuqha. Meta kkumparata ma' l-edukazzjoni obligatorja, id-*data* dwar it-tagħlim ta' l-adulti hija limitata, mhux l-anqas minħabba li l-provvedituri huma mferrxa, ta' naturi differenti u spiss joperaw barra s-settur pubbliku. Id-disponibbiltà u l-kwalità tad-*data* qed titjeb u se tkompli tagħmel dan fis-snin li ġejjin, bħala riżultat tas-servejs internazzjonali eżistenti u li se jsiru. Ir-riżultati taż-żewġ servejs implimentati mill-Eurostat - is-Servej dwar l-Edukazzjoni ta' l-Adulti u tliet Servejs dwar il-

Kontinwazzjoni tat-Taħriġ Vokazzjonali li Għaddej fl-intrapriżi – jipprovdu *data* ġdida, prinċipalment dwar il-parteċipazzjoni ta' l-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja u l-investment mill-intrapriżi u l-parteċipazzjoni fil-kontinwazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali, sat-tmiem ta' l-2007. Is-servej ta' l-OECD dwar il-ħiliet ta' l-adulti (PIAAC) qed jitħejja bħalissa.

Aktar riċerka u analiżi huma meħtieġa u jkollhom rwol ewlieni fl-użu ta' statistiċi disponibbli u fl-esplorazzjoni ta' kwistjonijiet kruċjali bħar-ritorn dwar tagħlim formali, non-formali u informali u r-rwol ġenerali tat-tagħlim informali fil-ħajja ta' l-adulti. Jeħtieġ li jsir aktar iffokar fuq ix-xejriet u previżjonijiet sabiex ikunu jistgħu jappoġġaw aktar tfassil tal-politika u tfassil tal-programmi. Il-Kummissjoni tikkontribwixxi wkoll għal dan permezz tat-twaqqif reċenti ta' unità ta' riċerka dwar it-tagħlim tul il-ħajja fiċ-Ċentri ta' Riċerka Konġunta f'Ispra.

#### **Messaġġ 5**

Il-kwalità u l-kumparabbiltà tad-*data* dwar it-tagħlim ta' l-adulti iridu jkomplu jitjiebu. B'mod partikolari, hemm bżonn ta' idea aħjar tal-benefiċċji tat-tagħlim ta' l-adulti u l-barrieri meta wieħed jidħol għal dan, u għal *data* aħjar dwar provvedituri, għalliema u tagħlim.

Ix-xogħol tal-Kummissjoni Ewropea f'dan il-qasam, inkluż l-Eurostat, għandu jikkonċentra fuq li jsir l-aħjar użu ta' l-istħarriġ eżistenti u tad-*data*, fuq it-titjib ta' l-armonizzazzjoni tal-kunċetti u d-definizzjonijiet, u fuq li tiġi mkabbra l-kopertura u l-frekwenza tad-*data* u li din tasal aktar fil-ħin. Hija meħtieġa *data* mhux aggregata dwar is-sessi, li wieħed jista' jorbot fuqha.

#### **4. L-azzjoni ta' l-Unjoni Ewropea**

It-tagħlim ta' l-adulti għandu rwol importanti biex jaffaċċja l-isfidi li qed taffaċċja l-Ewropa, imma l-potenzjali tiegħu għadu mhux qed jinkiseb. Il-Komunikazzjoni targumenta li l-konċentrazzjoni fuq il-kwalità, l-effiċjenza u l-ekwità twassal benefiċċji kemm għas-soċjetà kif ukoll għall-ekonomija.

Ir-responsabbiltà f'dan il-qasam hija ta' l-Istati Membri. Ir-rwol tal-Kummissjoni huwa biex tappoġġahom fl-isforzi tagħhom biex jimmodernizzaw is-sistemi tagħhom. Il-Kummissjoni għalhekk tipproponi li għandu jkun hemm dialogu ma' Stati Membri oħra u partijiet interessati rilevanti biex jesploraw:

- metodi biex isir l-aħjar użu tal-mekkaniżmi finanzjarji disponibbli fuq livell Ewropew (bħall-Fondi Strutturali u l-Programm tat-Tagħlim tul il-Ħajja);
- kif jista' jittieħed kont aħjar tal-bżonnijiet tat-tagħlim ta' l-adulti fil-Programmi Nazzjonali tar-Riforma taħt l-istrateġija ta' Liżbona;
- kif jistgħu jiġu involuti l-partijiet interessati biex ikun żgurat li l-messaġġi f'din il-Komunikazzjoni tittieħed azzjoni dwarhom fiċ-ċirkostanzi diversi li hemm fl-Istati Membri differenti;
- kif jistgħu jinkoraġġixxu l-iskambju ta' prattiċi tajba permezz ta' attivitajiet ta' tagħlim minn xulxin fil-qafas tal-programm "Edukazzjoni u Taħriġ 2010", inkluż fuq il-bażi tar-riżultati tal-programmi eżistenti ta' l-UE;
- l-aqwa strateġiji biex jittejjeb il-monitoraġġ ta' l-istatistiċi.


Bbażata fuq din ir-riflessjoni l-Kummissjoni tipproponi l-iżvilupp ta' pjan ta' azzjoni fl-2007 biex jiżgura l-insewiment effettiv għal messaġġi mwassla fil-Komunikazzjoni preżenti.

## ANNEX

### Participation in adult learning

#### Participation of adults in lifelong learning (2005)

(Percentage of population aged 25-64 participating in education and training in four weeks prior to the survey, ISCED 0-6)




Source: Eurostat (Labour Force Survey)

Additional notes:

- DE: data for 2004.

- LU, MT and the UK: provisional data.

#### Participation in lifelong learning by age and educational attainment (2005)




Source: Eurostat (Labour Force Survey)

Additional notes:

- DE : data for 2004.


- LU, MT and the UK : provisional data.

## Rate of participation (%) of 25-64 year olds in formal and non-formal education and training (2003)




Source: Eurostat LFS, ad-hoc module on Lifelong Learning 2003. Target population: 25-64 years, reference period: 12 months..

## Percentage of population 25-64 year olds involved in education and training (2003)



Source: Eurostat LFS, Ad hoc module on lifelong learning 2003  
Target population: 25-64 years old

## Participation rate 55-64 years old in any kind of learning (2005)



(\*) Informal training is not included in UK Source: Eurostat LFS, Ad Hoc module on Lifelong Learning 2003 Target population: 25-64 years old